# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 21 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 20.
Citazz. Nru. 2055/00 JRM

**LADA MOTORS LIMITED**

**vs**

**Carmelo AGIUS u Bice AGIUS in solidum.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn, mitejn u erbghin li ri maltin (Lm2,240) import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "32";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u erbghin liri maltin (Lm2,240), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenuti li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Rat in-Nota ta' Cessjoni tas-Socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut Carmelo Agius;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u erbghin liri maltin (Lm2,240), import ta' kambjali minnha accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma

thallsux, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenuta, salv ghal dawk relativi ghall-konvenut Carmelo Agius.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu, 2001.**